# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 18 ta' Jannar 2022

## Talba numru 103/2021SFJ

***ANDREW VASSALLO GENERAL TRADING LIMITED (C45790)***
***VS.***
***CARL FENECH (154285M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' April 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi esponiet u talbet:

> "*Illi s-soċjetà esponenti hija kreditriċi tal-intimat fis-somma ta' €419.84 rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' materjal mibjugħ u/jew xogħlijiet esegwiti favur l-intimat.*
>
> *Illi minkejja li l-intimat ġie debitament interpellat sabiex iħallas, huwa baqa' ma ħallas xejn.*
>
> *Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu jikkundanna lill-intimat sabiex iħallasha s-somma ta' erba' mija u dsatax-il Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' materjal mibjugħ u/jew xogħlijiet esegwiti favur l-intimat.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sal-ħlas effettiv.*"

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fl-14 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha ġie eċċepit:

> "*1. Illi preliminarjament, l-intimat umilment jirrileva li l-ammont mitlub mis-soċjetà rikorrenti ta' €419.84 huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2148(a) u/jew l-Artikolu*

*2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante li l-materjal mibjugħ u/jew ix-xogħlijiet esegwiti favur l-intimat ilhom ċirka sitt (6) snin li nbiegħu u/jew tlestew.*

*2. Illi in ogni każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat jirrileva li l-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti mhux dovut u għalhekk it-talba tas-soċjetà rikorrenti hija infondata.*

*3. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalsiasi allegazzjoni tar-rikorrenti għandha tiġi ppruvata sal-grad rikjest mill-liġi.*

*4. Salv eċċezzjonijiet oħra.*"

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' ix-xhieda, sema' it-trattazzjonijiet relattivi u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-18 ta' Jannar 2022.

**Provi mressqa**

Andrew Vassallo u martu Maria sive Marlene Vassallo ppreżentaw affidavits li fihom spjegaw li l-konvenut kien ordna xi madum mingħand is-soċjetà attriċi u dan il-madum twassal lill-konvenut. Għalkemm qatt ma ngħata stima bil-miktub, Andrew Vassallo ta prezz lill-konvenut verbalment. Eventwalment, dan il-prezz ġie mraħħas.

It-Tribunal josserva li Andrew u Marlene Vassallo ħalfu l-affidavits tagħhom matul l-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2021. Andrew Vassallo għamel korrezzjoni żgħira fis-sens li qal li meta fl-affidavit tiegħu kien hemm tlett appartamenti u żewġ aħwa, kien żbaljat u minflok, ried jgħid li kien hemm erba' a

L-i*statement* ippreżentat mal-affidavits, jiġifieri d-dokument MV2, jindika li:

- Fit-30 ta' Lulju 2015, is-soċjetà attriċi ħarġet *invoice* għal €823.26;

- Fl-24 ta' April 2018, is-soċjetà attriċi naqqset €96.85 mill-ammont dovut mill-konvenut, u b'hekk l-ammont dovut niżel għal €726.41; u

- Fit-8 ta' Frar 2019, l-ammont dovut niżel għal €419.84 stante "*deduction of pending material*".

Xehed il-konvenut, prodott in eżami mis-soċjetà attriċi. Meta kien mistoqsi jekk kienx jaf ir-raġuni tal-kawża, jiġifieri għal liema prodotti jew xogħlijiet kien qiegħed jintalab iħallas, il-konvenut wieġeb li nesa għax għadda ħafna żmien. Imbagħad, qal li hu ordna xi aluminju u qal li ħallas għalih. Huwa qal li xahrejn qabel xehed fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2021, iltaqa' ma' Andrew Vassallo u kellhom konverżazzjoni dwar ammonti mħallsin diġà. Huwa xehed li ma qalx lil Andrew Vassallo li żgur kien ser iħallsu.

Fenech xehed li matul l-aħħar sena, ġieli ċemplitlu Marlene Vassallo iżda ma kienx jiftakar il-kliem li ntqal. Imbagħad, qal li Marlene Vassallo kienet titolbu jħallas l-ammont reklamat iżda hu qatt ma qalilha ċar u tond li ser iħallas. Qal li ma ħallasx l-ammont reklamat għax fil-fehma tiegħu, kien diġà ħallas kollox. Huwa żied jgħid li "*il-każ*" kien "*ilu ħames snin żgur*". Muri d-dokument anness mal-affidavit ta' Marlene Vassallo, huwa qal li ma kienx jagħraf l-istima. Qal li l-istima kienet indirizzata lil missieru, George Fenech.

Mistoqsi jekk nesiex ħallasx l-ammont reklamat jew le, huwa wieġeb li ma setax jiftakar x'intqal waqt telefonati. Imbagħad huwa qal li fil-fehma tiegħu, l-ammont reklamat kien dwar aluminju.

Andrew Vassallo reġa' xehed *viva voce* u qal li nzerta lill-konvenut u qallu jħallsu. Huwa kkjarifika li s-soċjetà attriċi ssupplixxiet madum u li l-kawża qatt ma kellha x'taqsam mal-aluminju. In kontro-eżami, huwa ċċara li ssupplixxa madum fil-fond tal-konvenut f'San Pawl il-Baħar. Aktar tard fil-kontro-eżami huwa kkonferma

li x-xogħol li sar għall-konvenut sar fl-istess żmien li sar xi xogħol għal missier il-konvenut, jiġifieri fis-sena 2015.

Reġgħet xehdet Marlene Vassallo in eżami u spjegat l-is*tatement* immarkat dokument MV2.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

***<u>i. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni</u>***

Il-konvenut ressaq eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-Art. 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll abbażi tal-Art. 2149(a). It-Tribunal mhuwiex ser jikkritika l-fatt li l-eċċezzjoni hija redatta bil-kliem "*u/jew*" billi l-Avviż tat-Talba stess huwa redatt bl-istess mod ("*…rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' materjal mibjugħ u/jew xogħlijiet esegwiti…*").

*In linea* ta' fatti, huwa ċar li Andrew Vassallo huwa direttur tas-soċjetà attriċi u li l-istess Andrew Vassallo kellu kuntatt konsiderevoli mal-konvenut. Mistoqsi in kontro-eżami fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2021, Andrew Vassallo wieġeb li x-xogħol ta' *delivery* ta' madum li għamel lill-konvenut seħħ fis-sena 2015.

Inoltre, id-dokument MV2 ippreżentat minn Marlene Vassallo ukoll jindika li l-*invoice* inizjali għal €823.26 kienet għal "*TILES 1CM 18.36SQM*" u kienet datata 30 ta' Lulju 2015.

Huwa ċar li bejn Lulju 2015 u s-6 ta' April 2021 (meta nfetħet din il-kawża), għaddew kemm tmintax-il xahar kif ukoll sentejn.

Il-każistika applikabbli hija ċara fis-sens li l-Art. 2148(a) japplika għal dawk li jipprestaw mhux biss il-materjal iżda l-frott tal-ħidma – bħal arluġġara, arġentiera, bajjada, ħajjata, skrapan, u oħrajn. Min-naħa l-oħra, l-Art. 2149(a) japplika anki għal min iforni biss il-materjal. Dan jiġbor fi ftit kliem is-sustanza tas-sentenzi ***<u>Evan Balzan vs. Mary Grace Farrugia</u>*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2015) u ***<u>Anne Bonello vs. David Mallia</u>*** (deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fl-24 ta' Mejju 2018).

Għalhekk, it-Tribunal qiegħed jikkonkludi li *se mai*, miż-żewġ artikoli msemmija mill-konvenut, huwa l-Art. 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili li huwa relevanti għal dan il-każ.

Jirriżulta iżda li hi x'inhi preskrizzjoni applikabbli, wieħed għandu jiddiskuti l-istitut tal-ġurament deċiżorju.

It-Tribunal ra sewwa s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ***<u>Bottega del Marmista Ltd vs. Paul Mifsud pro et</u>*** (deċiża fis-26 ta' Jannar 2018) u anki s-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***<u>P&S Limited et vs. Noel Zammit et</u>*** (deċiża fis-16 ta' Frar 2018).

Sabiex il-konvenut jibbenefika mill-preskrizzjonijiet brevi, il-konvenut irid minn jeddu jaħlef li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Il-kliem "*minn jeddu*" jfissru li huwa jrid jixhed in eżami meta jkun imissu jtella' l-provi – jiġifieri fl-istadju tal-provi tal-konvenut. F'dan il-każ, matul l-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2021, il-konvenut xehed, iżda prodott mis-soċjetà attriċi. Meta mbagħad fl-istess seduta s-soċjetà attriċi għalqet il-provi, il-konvenut iddikjara li ma kellux provi x'jippreżenta. Wisq probabbli l-konvenut ħaseb li ma kellux għalfejn jixhed in eżami minn jeddu (jiġifieri prodott minnu stess) billi aktarx kien ser jirrepeti dak li kien diġà qal meta kien prodott in eżami mis-soċjetà attriċi.

It-Tribunal qiegħed jislet din l-interpretazzjoni tal-kliem "*minn jeddu* mill-paragrafu 14 tas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***<u>P&S Limited et vs. Noel Zammit et</u>*** (deċiża fis-16 ta' Frar 2018). F'dak il-paragrafu, il-Prim' Awla tgħid li wara l-Att I tal-2017, infetaħ bieb sabiex l-attur jagħmel il-kontro-eżami lill-konvenut. Huwa ovvju li biex l-attur (jew is-soċjetà attriċi f'dan il-każ) jagħmel il-kontro-eżami lill-konvenut, dan irid ikun xehed in eżami, prodott minnu stess.

Minħabba dan in-nuqqas, it-Tribunal ma jistax jakkolji l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u għalhekk jiċħadha.

### ***ii. Il-mertu***

Il-provi tas-soċjetà attriċi huma ċari fis-sens li juru li verament hija ssupplixxiet ammont ta' madum lill-konvenut. Min-naħa tiegħu, il-konvenut ma ċaħadx dan. Huwa qal (diversi drabi) li nesa minħabba t-trapass taż-żmien. Drabi oħra fix-xhieda tiegħu, qal li kien ordna xi xogħol tal-aluminju mingħand is-soċjetà attriċi, iżda ħallas għalih. Iżda mbagħad, f'punt ieħor fix-xhieda tiegħu, qal li kien mingħalih li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi permezz ta' din il-kawża kien dwar xi aluminju.

Fenech qal diversi drabi li ltaqa' ma' Andrew Vassallo u dawn tkellmu. F'punt partikolari fix-xhieda tiegħu, Fenech saħansitra qal li ppretenda li l-ammont pretiż f'din il-kawża jintesa mis-soċjetà attriċi billi l-konvenut kien ġab lis-soċjetà attriċi eluf ta' Ewro f'xogħol.

It-Tribunal josserva li l-konvenut kien ferm evażiv fix-xhieda tiegħu. Diversi drabi huwa kien attent biżżejjed tant li qal li meta kellem lil Andrew u lil Marlene Vassallo, qal ċar li qatt ma wiegħed ċar u tond li ser iħallashom. Allura t-Tribunal jgħid li jekk il-konvenut kien ċar fis-sens li skont hu, l-ammont mhuwiex dovut, għaliex ma qalx ċar lill-konjuġi Vassallo li l-ammont ma kienx dovut u ma kienx ser iħallas?

It-Tribunal ma jsibx li Fenech kien xhud ta' kredibilità eżemplari.

Min-naħa l-oħra, Andrew Vassallo xehed ċar li l-konvenut kien ordna xi madum mingħand is-soċjetà attriċi u dan il-madum twassal fil-post f'San Pawl il-Baħar indikat mill-konvenut. Dan seħħ fis-sena 2015. It-Tribunal ma jista' jsib ebda raġuni li twasslu biex jiddubita x-xhieda tal-konjuġi Vassallo u d-dokumentazzjoni ppreżentata minnhom.

Għalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.

## Deċide

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;

ii. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' erba mija u dsatax-il Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€419.84);

iii. Jordna li l-interessi fuq dan l-ammont ikunu kkalkulati mid-data tal-ħruġ tal-*invoice* relattiva (jiġifieri mit-30 ta' Lulju 2015) sad-data tal-pagament effettiv, b'dan illi l-interessi ma jiddekorrux b'rata ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u li r-regola tal-*ultra duplum* tkun rispettata; u

iv. Jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**